MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1184/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Henda Vella Mellitti gja Jouini (K.I. 117807L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, sitta u ghoxrin ewro w erbgha u hamsin centezmu (€2,026.54) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokument ‘A’ ta’ rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-15 ta’ Frar, 2011 mill-Avukat Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-crkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------